**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 4-11

**Data: 9** ta' Mejju 2011

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera -Skuzata
Speranza Chircop – Kunsilliera - Skuzata
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Fil-ftuh tal-laqgha s-Sindku nforma lill-membri prezenti li s-seduta tal-Kunsill imsejjha nhar is-26 t'April kellha tithassar minhabba li s-Segretara Ezekuttiva kienet ma tiflahx. Il-Minuti tas-seduta nru; 3.11 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

**2. Mill-Minuti:-**

2.2 Pjanti ghac-Centru Civiku
Is-Sindku ippropona sabiex issir il-laqgha pubblika relatata mal-bini tac-Centru Civiku,fejn fiha jigu diskussi mal-pubbliku l-pjanti emendati u approvati mill-Kunsill, qabel ma dawn jigu sottomessi l-Mepa. Il-Kunsill qabel li din il-laqgha issir nhar it-Tnejn 6 ta' Gunju 2011 fis-7.00 ta' filghaxija fl-iskola primarja Kalkara.

**3. Korrispondenza**

3.1 Festa tal-Lokal
3.1a. Giet ipprezentata l-korrispondenza mibghuta mill-Ghaqda Circolo San Giuseppe, Socjeta Filarmonika Sagra familja fejn fiha kien hemm il-programm kollu tal-ghaqda relatat mal-festa tal-lokal. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oggezzjoni ghall-programm tal-ghaqda sakemm jigu osservati l-ligijiet u jinhargu l-permessi necessarji.

3.1b. Gie pprezentat il-programm mibghut mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp bl-attivitajiet organizzati, relatati mal-festa. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oggezzjoni ghall-programm tal-ghaqda sakemm jigu osservati l-ligijiet u jinhargu l-permessi necessarji.

3.2 Programm Konfini mill-Pjazza

Is-Sindku qara korrispondenza dwar proposta li jsir il-programm Konfini mill-Pjazza tal-Lokal tal-Kalkara. Huwa ippropona li l-Kunsill jiehu sehem u l-Kunsill qabel b'vot unanimu mal-proposta tas-Sindku.

3.3 Memo 43/2011

Is-Sindku ressaq memo mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bir-referenza 43/2011 ghad-diskussjoni tal-Kunsill. Gie propost mis-Sindku li l-Kunsill japplika ghall-iskema dwar l-Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet, Skema – Insahhu l-Komunita' – Rigenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern, u Skema dwar xogholijiet ta' manutenzjoni fuq l-Oqsma tal-Bini tal-Gvern. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qieghed japplika ghal dawk l-iskemi li jidhirlu li jista jibbenefika minnhom.

3.4 Servizz ta' Nurse b'xejn lill-Komunita Kalkariza.

Is-Sindku ppropona li jibda jinghata s-servizz ta' nurse minghajr hlas ghar-residenti tal-lokal, nhar ta' Erbgha mid-09.00 sal-10.00 ta' filghodu. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu mal-proposta tas-Sindku.

3.5 Skema resurfacing of roads by Public Private Partnership.

Is-Sindku qara l-korrispondenza li rcieva minghand il-kumpannija Asfaltar Ltd u Schembri Infrastructures fejn dawn intalbu li jinhallu mill-kuntratt tal-Iskema msemmija. Il-Kunsill qabel li peress li hafna mit-toroq li l-Kunsill kien ser jaghmel permezz tal-iskema tal-PPP ser isiru minn Transport Malta, huwa lest li jilqa t-talba tal-kumpannija Asfaltar Ltd u Schembri Infrastructures u ma jergax johrog is-sejha tal-iskema.

3.6 Skambju ta' zghazagh go Palermo.

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li d-dati tal-iskambju ser ikunu mit-3 ta' Lulju sat-13 ta' Lulju. Hemm 10 applikanti li jixtiequ jmorru ghal din l-esperjenza fejn dawn ihallsu 30% biss tal-ispejjes. Il-kumplament tal-ispejjes cioe 70% jigu mhallsa lura mill-progett innifsu billi jigu ddepozitati direttament fil-kont bankarju tal-Kunsill Lokali.

## 4. GAL Xlokk.

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar il-hidma tal-GAL Xlokk specjalment fejn jidhlu applikazzjonijiet ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea. Sejha tipika kienet il-Fond 313 li l-Kunsill Lokali seta jibbenefika minnha pero ma setax japplika ghaliha minhabba li ma kienx membru tal-GAL Xlokk. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wahda mir-rekwiziti sabiex il-Kunsill ikun jista jidhol membru hi li l-membership fee ta' 5,000ewro. Il-Kunsill qabel sabiex qabel ma jidhol membru jiddiskuti aktar fid-dettall kif il-Kunsill jista jibbenefika minn din is-shubija peress li t-tariffa hija wahda sostanzjali.

**5. Attivita Puttinu.**

Il-Vici Sindku Norbert Grech ippropona li l-Hadd 17 ta' Lulju filghodu tigi organizzata l-attivita bir-roti bl-isem Giro di Kalkara, wara l-quddiesa ta' filghodu. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel ukoll li t-traffiku jinghalaq minn quddiem l-isqaq Marina Nru2, sabiex jithalla access tal-Bighi.

**6. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti u xogholijiet**

Giet apporvata l-lista ta' nfieq bin-numru 04/2011.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-applikazzjoni li saret mill-Kunsill ghall-paving tal-isqaqien saret oggezzjoni mill-Heritage Malta minhabba li fl-isqaqien hemm iz-zonqor u li minhabba f'hekk ma jistax isir ix-xoghol tal-paving fl-istess sqaqien u ghalhekk qed isiru d-diskussjonijiet necessarji mal-perit u l-Mepa.

**7. Aggornament**

Il-laqgha giet aggornata ghall-laqgha pubblika dwar ic-Centru Civiku nhar it-Tnejn 6 ta' Gunju 2011 fis-7.00 ta' filghaxija.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

# AGENDA

## Seduta nru 05/11

Ser issir seduta tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2011 fil-5.00 ta' filghaxija fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali b'din l-Agenda.

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivita Puttinu
5. Bus Shelter
6. Approvazzjoni tal-lista ta' pagamenti u xogholijiet
7. Aggornament

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

Is-Seduta miftuha ghall-attendenza tal-pubbliku